MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 480/1998/1

Kawza fil-lista: 25

**John Camilleri bhala president, Victor Spiteri bhala vici-president, Alphonse Abela bhala segretarju, Manwel D'Amato bhala kaxxier u Michael Cutajar, Mario Mifsud u Mario Bonavia bhala membri tal-Kumitat tal-Assocjazzjoni dwar it-Trasport Pubbliku u b'digriet tal-Qorti fil-verbal tad-09 ta' April 2003 stante tibdel fil-komposizzjoni tal-Kumitat tal-Assocjazzjoni qed jassumu l-atti Victor Spiteri bhala president, Michael Cutajar bhala vici-president, John Camilleri bhala segretarju, Alphonse Abela bhala kaxxier u Manwel D'Amato, Jesmond Mario Farrugia u Gaetano Fenech bhala membri tal-Kumitat tal-Assocjazzjoni dwar it-Trasport Pubbliku**
**Vs**
**Charles Casha**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi l-konvenut kien impjegat mal-imsemmija Assocjazzjoni biex ibiegh il-biljetti tal-karozzi tal-linja f'bieb il-Belt lis-sewwieqa tal-imsemmija karozzi;

Peress illi wiehed mid-dmirijiet tieghu kien li fil-ghaxija fl-ahhar tal-gurnata wara li jaghmel il-kontijiet imur jiddepozita dawn il-flus fil-Bank of Valletta Ltd. halli jitqieghdu fizikament fil-Bank il-bejgh tal-gurnata;

Peress illi fil-kontijiet tal-15 ta' Dicembru 1995 u s-17 ta' Dicembru 1995 irrizulta li kien hemm diskrepanza ta' hamest elef disa' mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm5,958) bejn l-introjtu tal-bejgh tal-biljetti u l-flus li gew depozitati fil-Bank;

Peress illi l-konvenut ghandu jaghti ukoll lill-attur l-ammont ta' mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm278) dovuti bhala diskrepanzi rigward dati ohra bejn l-introjtu tal-bejgh tal-biljetti u l-flus li gew depozitati fil-Bank, u ghalhekk is-somma totali dovuta mill-konvenut lill-attur hija ta' sitt elef mitejn u sitta u tletin lira maltin (Lm6236);

Peress illi b'ittra ufficjali ta' l-10 ta' Mejju 1996 il-konvenut iddikjara ruhu debitur ta' l-attur fl-ammont ta' hamest elef u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm5245) u ddikjara li ser jirrestitwixxi lill-attur l-istess ammont, izda xorta baqa' inadempjenti. Dan l-ammont gie mahdum minnu probabilment billi naqqas mill-ammont pretiz mill-atturi is-somma li l-konvenut jallega li hija dovuta lilu mill-atturi.

Peress illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat ghar-refuzjoni ta' l-ammont ta' sitt elef mitejn u sitta u tletin lira maltin (Lm6236), dan baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt elef mitejn u sitta u tletin lira maltin (Lm6236), jew ammont verjuri, ammont minnu dovut kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu 1997 u bl-imghaxijiet legali mil-10 ta' Mejju 1996 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Preliminarjament, illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2155 tal-Kap.16;

In linea preliminari ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi l-azzjoni attrici hija wahda tempestiva stante diskussjonijiet u trattativi li kienu qed isiru bejn iz-zewg partijiet sabiex tinsab soluzzjoni ghall-pendenza bejn il-kontendenti, anke jekk kienu qed isiru minghajr pregudizzju.

Illi jigi eccipit ukoll illi t-talba attrici hija insostenibbli u irregolari stnate illi mhix soggetta ghal talba ghad-dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-konvenut ghandu jigi dikjarat debitur ta' l-atturi fis-somma hemmhekk mitluba jew somma ohra verjuri, qabel jigi kkundannat ihallas tali somma jekk hekk ikun il-kaz.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suepspost u fil-mertu jinghad illi s-somma mitluba mill-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt anke peress illi hija wahda esagerata, kif jista' jkun spjegat ahjar fil-kors ta' din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;
Illi l-atturi qed jippretendu li ghandhom jiehdu minghand il-konvenut is-somma ta' Lm6,236 flus inkassati minnu rizultat ta' bejgh ta' biljetti u li huma dovuti lill-atturi.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien jahdem mal-Assocjazzjoni dwar it-Trasport Pubbliku u xogholu kien jikkonsisti fil-bejgh ta' biljetti lis-sewwieqa tal-karrozzi tal-linja u fl-ahhar tal-gurnata jiddepozita l-inkass kwotidjan fil-Bank of Valletta. Irrizulta mix-xhieda li bejn il-15 u 17 ta' Dicembru 1995 il-kontijiet kienu juru diskrepanzi fil-konfront tal-konvenut fis-sens li dana kien iddepozita flus anqas milli biegh biljetti. Emanuel Galea, ticket controller, spjega fl-affidavit tieghu li d-diskrepanza kienet tammonta ghas-somma ta' Lm6,236 u ta dettalji ta' kif wasal ghal din il-figura.

Meta gie konfrontat b' din id-diskrepanza, il-konvenut ammetta li kien zamm parti mill-inkass ghalih u "nefaqhom ghal affarijiet personali tal-familja tieghu."

Di fatti b' ittra ufficjali datata 10 ta' Mejju 1996 il-konvenut ammetta li ghandu jaghti lill-Assocjazzjoni s-somma ta' Lm5,254 u ipprometta li ser jirrestitwixxi din is-somma [Fol.55]. Izda madankollu baqa' ma hallas xejn.

Illi l-imsemmi Emanuel Galea spejga li konsegwenzjalment l-impieg tal-konvenut kien gie terminat u dan ghandu jiehu minghand l-Assocjazzjoni s-somma ta' Lm1,032.27 rapprezentanti sehemu mill-Wages Fund, paga tal-ahhar gimgha xoghol u leave payment. B' hekk, wara li jitnaqqas dan l-ammont, jigi li l-bilanc dovut mill-konvenut jammonta ghal Lm5,203.73

Illi fl-ewwel lok il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni perennali bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 2155 tal-Kap.16. In propositu jigi osservat li dan l-artikolu ma japplikax ghall-fattispecie ta' dan il-kaz. Inoltre zgur li ma jistax jinghad li l-konvenut meta rceva l-flus kien in buona fede.

Illi fit-tieni lok il-konvenut eccepixxa li l-azzjoni hija intempestiva peress li kienu ghadhom in corso "diskussjonijiet u trattattivi" bejn il-partijiet. In propositu jigi osservat li l-provi juru mod iehor; u cioe' li l-konvenut, ghalkemm fl-ittra ufficjal kien ipprometta li jhallas l-ammont fiz-zmien tlett snin, huwa xorta wahda baqa' ma

hallas xejn; u dan apparti mill-fatt li ma rrizulta ebda ftehim f' dan is-sens.

Illi fit-tielet lok il-konvenut eccepixxa li l-azzjoni hija insostenibbli ghax it-talba ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas tal-imsemmi ammont mhux preceduta b' talba ghal dikjarrazzjoni li huwa debitur f' dan l-ammont. F' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament gurisprudenzjali li id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu ma hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni that forma ta' domanda.

Illi fir-raba' eccezzjoni l-konvenut eccepixxa li s-somma mitluba mill-atturi hija esagerata. In propositu l-Qorti tosserva li mill-provi rrizulta li, ghalkemm s-somma ta' flus misapproprijata mill-konvenut tammonta ghal Lm6,236, il-konvenut wara t-terminazzjoni tal-impieg tieghu, u konsegwenzjali ghall-istess gie li ghandu jiehu minghand l-atturi s-somma ta' Lm1,032.27 kif fuq indikat, b' hekk wara d-debita tpacija l-ammont dovut mill-konvenut huwa ta' Lm5,203.73, u ghalhekk din l-eccezzjoni hija in parte sostenibbli. Dan ghandu jigi rifless wkoll fil-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza, billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' hamest elef, mitejn u tlett liri maltin u tlieta u sebghin centezmu [Lm5,203.73], u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta' Lm5,203.73 bl-imghax legali kif mitlub. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bil-mod segwenti: L-ispejjez relattivi ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jibqghu a kariku tal-istess; filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal hames parti minn sitta [5/6] mill-konvenut, u r-rimanenti sest [1/6] jibqa' a kariku tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------